## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 11/2016 PM1**

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Etienne Cassar u b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2016 gie kjamat fil-kawza David Sajan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Jannar, 2016 illi permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti talbet illi, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, l-intimat jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elfejn, sebgha u tletin euro u

centezmu (€2037.01) bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-3 t'Awwissu 2015 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subissjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Etienne Cassar datata 15 ta' Marzu, 2016 permezz ta' liema l-intimat eccepixxa illi huwa kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni valida, illi s-socjeta' attrici jehtigilha li tipprova li kellha d-dritt taccetta r-responsabilita' u thallas lit-terz minghajr il-kunsens tal-istess intimat, illi l-intimat ma jahtix ghall-incident, illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qwd jigu kkontestati, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit ta' Jonathan Schembri bid-dokumenti annessi mressaq mis-socjeta' attrici (a fol. 10 et. seq. tal-process).

Ra illi b'rikors datat 22 ta' Marzu, 2016 is-socjeta' attrici talbet il-kjamat fil-kawza ta' Daniel Sajan liema talba giet milqugha skont kif verbalizzat fit-3 ta' Mejju, 2016.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Daniel Sajan li permezz taghha eccepixxa li t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dana ghaliex, fl-ewwel lok, it-talbiet rikorrenti huma preskritti fil-konfront tal-esponenti ai termini tal-art. 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u, fit-tieni lok u bla hsara ghas-suespost, l-esponenti la ghandu u lanqas qatt ma kellu xi forma ta' relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u allura l-premessi u t-talbiet kif dedotti u korretti ma jistghu qatt jintlaqghu fil-konfront tieghu, dan apparti l-fatt ill ital-anqas fil-konfront tieghu it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt b'rizerva ghal kull jedd spettanti lill-istess kjamat fil-kawza skont il-ligi.

Ra illi permezz tas-sentenza datata ghoxrin (20) t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni imressqa mill-kjamat fil-kawza u konsegwentement illiberah mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li ordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-konvenut bl-ispejjez tal-kjamat fil-kawza jigu sofferti mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Mark Bonnici prodott mis-socjeta' attrici (fol. 50 tal-process).

Sema' x-xhieda tal-PL Nicholette Aquilina u ra n-nota tas-socjeta' attrici (fol. 56 tal-process).

Sema' x-xhieda tal-intimat Etienne Cassar (fol. 66 tal-process).

Sema' s-sottomissjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Illi kif jirrizulta car mit-talbiet imressqin mis-socjeta' attrici l-azzjoni odjerna tirrigwardja allegat dritt ta' kumpens minghand l-intimat, in kwantu assigurat taghha stess, tas-somma imhallsa mill-istess socjeta' attrici lil terzi skont kif obbligata taghmel a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligiiet ta' Malta u dana stante l-ksur da parti tal-istess intimat "*ta' diversi kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva*" (talba a fol 2 tal-process).

Illi a sostenn ta' tali talbiet xehed Jonathan Schembri in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u bhala Operations and Compliance officer u Claims Manager tal-istess socjeta' attrici permezz ta' affidavit datat tletin (30) ta' Marzu, elfejn u sittax (2016) permezz ta' liema l-istess xhud essenzjalment jixhed li:

(i) A bazi tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva, senjatament pagna 15 tal-istess "*kull meta tinfetah 'claim, is-socjeta' Argus Insurance Agencies Limited noe.* **<u>ghandha d-diskrezzjoni assoluta</u>** *illi tiddeciedi dwar ir-responsabbilta' ghall-akkadut, u illi tasal ghal arrangamenti bonarji, jekk ikun il-kaz*".

*(ii)* A bazi tal-istess polza, jekk jidhrilha li l-assigurat taghha jkun hati ghall-incident in kwistjoni l-istess socjeta' attrici tghaddi sabiex thallas lit-terz ai termini tal-art. 15 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan is-sens l-istess Schembri jiccita min pagna 15 tal-istess polza li "*taht l-intestata 'Settlement of Third Party Claims" (…) tipprovdi testwalment:*

> *'Notwithstanding that You (l-assigurat) may have failed to lodge a Claim, and notwithstanding that You may have failed to abide by the terms and conditions of this Policy, We (l-assiguratur) shall be entitled to settle any third party Claim, and You may be deemed to have consented to the payment to be made to*

*the third party, <u>provided that We shall have informed You in writing and at the address indicated by You in the Proposal Form, of Our intention to pay the Claim and of the amount to be paid, and You do not, within ten days of notification, formally oppose Yourself to such settlement and payment.</u> (…)*" (fol. 25 tal-process – enfazi tat-Tribunal).

(iii) Fil-kaz in ezami, l-intimat kien espressament ippermetta lill-Daniel Sajan sabiex isuq il-vettura assigurata mas-socjeta' attrici liema vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku fl-Italja. Skont il-formola ezebita mal-istess affidavit u mmarkata Dok. JS3 Sajan ammetta t-tort permezz tal-kliem "Ho Torto" (fol. 27 tal-process). Kien in vista ta' tali ammissjoni li s-socjeta' attrici procediet bil-pagament tad-danni sofferti mit-terzi fl-ammont mitlub mill-kawza odjerna.

(iv) Is-socjeta' attrici rreklamat tali ammont minghand l-intimat Cassar permezz tal-ittra ufficjali mahruga taht l-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema ittra ufficjali giet opposta mill-intimat (fol. 39 et. seq. tal-process).

Illi f'dawn il-proceduri xehed ukoll l-intimat Etienne Cassar fejn sostanzjalment sahaq li ghalkemm Daniel Sajan kien impjegat tieghu fi zmien l-incident huwa sar jaf biss bl-incident mertu tal-kawza odjerna wara li gie notifikat bl-istess avviz odjern u dana ghaliex la Sayan u lanqas is-socjeta' attrici ma nfurmawh bl-istess incident. Huwa jsostni li t-trakk kien inxurjat regolarment u Daniel Sajan kien inkluz ukoll bhala 'named driver' li seta' jsuq l-istess vann. Huwa jikkontendi li 'claim' ma hallasx peress illi effettivament ma kienx jaf li kien sar l-incident. Ma sar ebda kontro-ezami tal-intimat da parti tas-socjeta' attrici.

Illi matul it-trattazzjoni taghhom id-difensuri tal-partijiet ikkonfermaw illi, essenzjalment hemm qbil dwar il-fatti li taw lok ghall-kaz, inkluz li l-vettura kienet qed tinsaq minn Daniel Sajan, ghalkemm id-difensur tal-intimat ikkontenda li skont il-ligi u anke skont il-polza l-aktar li l-intimat seta' jigi ritenut responsabbli kien fir-rigward tal-access li kellu jithallas minnu mal-'claim' relattiva imma certament mhux ukoll fir-rigward tal-ammont kollu mhallas mis-socjeta' attrici lit-terzi dannegjati. Huwa jikkontendi li ma setax iressaq il-'claim' tieghu proprju ghaliex ma kienx jaf li sehh l-incident.

Illi ghaldaqstant il-kontestazzjoni bejn il-partijiet fondamentalment iddur madwar l-effetti legali skont il-polza u kif ukoll skont il-Kap. 104 tan-nuqqas da parti tal-intimat illi jaffetwa l-'claim' tieghu u jekk in-nuqqas ta' gharfien da parti tal-istess intimat fir-rigward tal-incident 'de quo' jistax ikollu konsegwenzi legali.

Illi f'dan ir-rigward id-difensur tas-socjeta' attrici tirreferi ghad-decizjoni moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 28 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet '**Middlesea Insurance p.l.c.**

**(C-5553) kif surrogata, abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u skond il-Ligi, fid-drittijiet ta' lassikurat taghha, is-socjeta` Emmanuel Agius u listess Emmanuel Agius [714049M]. v. Mourad Ben Salem Mabrouk, Vincent Ciantar u Karen Ciantar.**' F'dak il-kaz, il-konvenut Vincent Ciantar kien hareg polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura tieghu, bil-kundizzjoni espressa illi din kellha tinstaq biss minnu u minn bintu wkoll konvenuta Karen Ciantar. Gara illi l-istess vettura kienet involuta f'incident awtomobilistiku waqt illi dina kienet misjuqa minn certu Mabrouk illi ma kienx kwindi awtorizzat mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Ghalhekk is-socjeta` assigurattiva istitwiet proceduri ghall-irkupru ta' l-ammonti minnha sborsati kontra l-assigurat taghha Vincent Ciantar, Karen Ciantar illi kellha ordinarjament il-kontroll tal-vettura, u x-xufier Mabrouk.

It-Tribunal jinnota minnufih illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma kemmxejn differenti minn dawk tal-kaz odjern u dan ghaliex, kif jinsab deciz 'obiter' permezz tas-sentenza citata mis-socjeta' attrici, f'dak il-kaz,

> "*Illi mhux hekk biss izda dak li jinghad fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti Ciantar effettivament jirrizulta peress it-tielet talba attrici effettivament qed titlob li jigi ddikjarat li <u>l-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq Vincent Ciantar ma kenitx tippermetti li l-istess karozza tinstaq mill-konvenut Mabrouk u huwa konsegwenti ta' dan li tali polza ta' assigurazzjoni qed tigi ddikjarata nulla u bla effett skond ir-raba' talba, u huwa wkoll kawza ta' hekk li gew ukoll ikkawzati danni lill-assigurat tas-socjeta' attrici Emmanuel Agius, li s-socjeta' attrici qed tagixxi bhala s-surrogata tieghu minhabba li effettivament hallsitu d-danni kollha skond il-polza ezistenti tieghu, li b'hekk tatha d-dritt li tagixxi kontra min ikkawza tali danni lill-assigurat taghha u dawn kienu jikkonsistu fil-persuna li kkawzat l-incident u l-persuni li ppermettew li tali vettura tigi misjuqa minn persuna mhux koperta b'polza ta' assigurazzjoni skond il-ligi, anke ghaliex bi ksur tal-polza li huma dahlu ghaliha.</u>*" (enfazi mizjuda)

Illi ghaldaqstant fil-kaz surreferit il-ksur tal-polza lamentat kien referibbli ghall-fatt li l-assikurat halla lil xufier mhux awtorizzat isuq il-vettura fejn fil-kaz in ezami jinsab inkontestat li Daniel Sajan fil-fatt kien xufier awtorizzat skont ic-certifikat tal-polza (fol. 16 tal-process). Fil-kaz in ezami dak li jinsab lamentat mis-socjeta' attrici huwa n-nuqqas da parti tal-intimat Cassar li jressaq il-'claim' tieghu skont il-ligi.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li ghandha ssir distinzjoni netta bejn in-nuqqas ravvizat fis-sentenza hawn fuq citata konsistenti mill-volonta' da parti tal-assigurat li jawtorizza lil terzi persuni mhux indikati bhala xufiera awtorizzati skont il-polza isuqu l-vettura u n-nuqqas lamentat fil-kawza odjerna konsistenti minn 'claim' li ma tkunx saret. Dan huwa naturali proprju ghaliex jekk fl-ewwel kaz is-sewqan minn xufier mhux awtorizzat jikser il-polza f'element sostanzjali taghha tant illi jikkostitwixxi nuqqas da parti tal-assigurat li jista' jwassal

sabiex l-assiguratrici ma tkunx tista' tevalwa korrettament ir-riskju assunt minnha permezz tal-polza, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tan-nuqqas tal-assigurat li jressaq il-'claim' tieghu. Dan japplika 'multo magis' f'kazijiet bhal dawk in ezami fejn l-intimat ma ressaqx il-'claim' tieghu proprju ghaliex ma kienx jaf bl-incident. Dan huwa proprju dak li gie sostnut mill-intimat u ma tressqet l-ebda prova da parti tas-socjeta' attrici li tista' b'xi mod tikkontradici din verzjoni. Tali nuqqas seta' 'se mai' jinfluwixxi fuq il-possibilita' da parti tas-socjeta' attrici li tevalwa id-dimanika tal-incident imma dan ma jidhirx li kien il-kaz proprju ghaliex l-istess xufier Sajan iddikjara 'a tempo vergine' li huwa kien jahti ghall-incident u kien proprju konsegwenti ghal tali dikjarazzjoni li s-socjeta' attrici procediet bil-hlas tat-terz innocenti. L-istess Schembri jixhed li "*l-incident sehh meta Sajan laqat vettura pparkjata meta kien qieghed jirriversja.*" (fol 14 tal-process). Kien proprju in vista tal-ammissjoni ta' htija li s-socjeta' attrici procediet bil-hlas tas-somma reklamata mit-terz dannegjat.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi d-distinzjoni indikata hawn fuq hija sostnuta b'mod partikulari mid-decizjoni moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited gja` Norwich Union International Limited vs George Fenech**' datata 22 ta' Mejju, 2009 fejn jinsab deciz is-segwenti:

> *Premess dan, huwa indiskuss illi wiehed mill-obbligi ta' kull assikurat hu dak li jqieghed lill-assigurazzjoni tieghu fil-qaghda li din tapprezza c-cirkustanzi ta' l-incident u dik tar-responsabilita` korrelata u naxxenti minnu. Forsi, aktar milli ta' obbligu, dan hu oggett ta' oneru fuq l-assigurat in kwantu l-iskop hu dak li permezz ta' l-avviz jew tal-claim l-assigurazzjoni tkun f'qaghda li tistharreg l-elementi ta' l-obbligazzjonijiet taghha ghar-rizarciment mid-danneggjat. (…) B'introduzzjoni ghat-tieni u ghat-tielet motivi ta' aggravju jinghad illi f'kaz ta' inadempiment kontrattwali r-rimedju generali –rizoluzzjoni tal-kuntratt, "exceptio inadempleti contractus", etcetera – ghandhom, ghal raguni li jgiebu fis-sehh konsegwenzi serji ghall-kontraenti, rabta ma' inadempiment kolpevoli li jkun gravi u proporzjonat. Gie infatti osservat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali illi "mhux kull inadempjenza kontrattwali tipprovoka l-kondizzjoni rizoluttiva tacita insita fil-kuntratti bilaterali, kemm fil-kazijiet fejn il-Kodici Civili jirrekjedi dikjarazzjoni gudizzjarja kif ukoll fil-kazijiet fejn ir-rizoluzzjoni hi wahda ipso jure fil-Kodici tal-Kummerc … … …* ***L-inadempiment kellu jkun gravi u proporzjonat ghall-gravita` tal-konsegwenzi derivanti minn dik ir-rizoluzzjoni. Il-patt inadempjenti kellu allura jkun ta' importanza tali li jirrifletti fuq il-prestazzjoni principali li tifforma l-oggett tal-kuntratt … Fejn il-pregudizzju ma jkunx gravi, il-Qorti ma kellhiex tifhem li l-partijiet kellhom itendu biex jesigu r-rizoluzzjoni tal-ftehim"*** *("France Cutajar -vs- Francis Fenech", 6 ta'*

*Ottubru, 1999); Similment, gie ragunat fil-kaz ta' l-applikazzjoni tal-principju "inademplenti non est ademplendum". Ara ddecizjoni tal-Qorti Civili Prim' Awla tal-11 ta' Ottubru, 1966 fil-kaz fl-ismijiet "Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri", citata wkoll mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha; Dan ritenut f'din il-gurisprudenza jwassal ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:- (1) Ankorke il-hlas ta' l-excess kellu jitqies kondizzjoni tal-kuntratt, il-mankanza tal-pagament effettiv mill-assigurat ma kellux jikkwalifika bhala xi inadempjenza talment gravi li kienet tintitola lis-socjeta` assiguratrici appellanti li tirrikjama minghand l-assigurat il-hlas tas-somma rizarcitorja minnha pagata lit-terz danneggjat; (2) Evidentement, minn dak li ssuccieda u b'effett ta' dak l-istess pagament lit-terz huwa intwittiv illi l-istess socjeta` appellanti kienet hi stess tal-fehma illi l-inadempjenza dovuta ghan-nuqqas tal-hlas ta' l-excess, ghal kollox tenwu, ma kienetx ta' gravita` tali illi twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt assikurattiv; (3)* ***<u>Naturalment, is-socjeta` appellanti tista' tobbjetta illi hi dak il-hlas ghamlitu in virtu ta' l-imposizzjonijiet fuqha mill-Kapitolu 104. Jekk ikun hekk, ma jistax jisfuggi l-fatt illi, kif wisq korrettement irraguna lArbitru, hi stess naqset li tottempera ruhha ma' l-oneru inkombenti fuqha bl-Artikolu 15 (4) (a) tal-Kapitolu imsemmi. Jigifieri, li tati avviz bil-miktub, b'ittra registrata jew ittra ufficcjali, lill-assigurat, dwar l-intenzjoni li thallas it-talba ghad-danni lill-parti offiza u l-ammont relattiv; (4) Jekk allura wiehed irid jitkellem fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-assigurat ma jistax lanqas jinsa l-inadempjenza legali da parti ta' l-assiguratur;</u>*** *(5) Apparti dawn ir-riljevi, din il-Qorti tikkonkorda ma' l-espressjoni ta' fehma ta' l-Arbitru illi l-hlas ta' l-excess prospettat minn polza ta' assikurazzjoni ghandu lambitu ta' applikazzjoni tieghu mal-pagament tar-rizarciment, aktar milli ta' kondizzjoni vera u proprja ghal validita` tal-kuntratt. In-nuqqas ut sic tal-hlas ta' dak l-excess mill-assiguratur jaghti, iva, dritt kreditorju lis-socjeta` appellanti izda mhux ukoll li jillegittimaha, ghal dik il-pretensjoni taghha, illi topponi l-principju "inademplenti non est ademplendum" jew, ukoll kif minnha sollevat f'din is-sede, u mhux ukoll quddiem l-Arbitru, l-invokazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni de quo; (6) In virtu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-tieni u t-tielet ilment qed jitiqiesu infondati*" (enfazi mizjuda)

Illi perdipiu' u b'zieda mal-precetti legali enuncjati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell it-Tribunal jinnota li f'dan il-kaz ukoll ma jistax jinghad li s-socjeta' attrici agixxiet interament in linea mad-dettami tal-ligi u tal-polza mahruga minnha stess u dan ghaliex, kif jinsab citat mill-affidavit tal-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici qabel taffetwa l-hlas rikjest minnha mit-terz li ma kienx jahti ghall-incident l-istess socjeta' kienet mehtiega illi tinnotifika b'dan **<u>anticipatament</u>** lill-intimat bhala assikurat taghha u dana kif jirrizulat car mid-dicitura tal-

istess polza fejn jinghad li tali pagament jista' jsir biss "*provided that We shall have **informed You in writing** and at the address indicated by You in the Proposal Form, of **Our intention to pay the Claim and of the amount to be paid***" (enfazi mizjuda). Tali pre-avviz huwa wkoll mehtieg a tenur tal-art. 15(4) tal-Kap. 104. Is-socjeta' attrici ma ressqet ebda prova li l-intimat kien jaf bl-incident in kwistjoni wisq anqas li tali komunikazzjoni bil-miktub rikjesta minnhom lill-assikurat taghhom skont il-polza u skont il-ligi qabel ma jsehh il-pagament lit-terz saret, salv ghall-ittra ufficjali mahruga taht l-art. 166A tal-Kap. 12 li kjarament giet notifikata lill-intimat wara li gie affetwat il-pagament minnha. Ghaldaqstant, determinat is-surreferit u b'differenza minn dak li gie riskontrat f'decizjoni ohra moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fil-kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited vs Anthony Agius u Ludwig Bugeja**, fid-9 ta' Novembru, 2012 fil-kaz odjern it-talba attrici lanqas ma tista' tintlaqa' u dan ghaliex:

(i) is-socjeta' attrici naqset milli taghti l-preavviz mehtieg lill-assikurat taghha qabel taffetwa l-pagament (dan kif d'altronde mehtieg kemm mill-polza kif ukoll mill-art. 15(4) tal-Kap. 104) u

(ii) jirrizulta li l-intimat lanqas ma kien jaf bl-incident 'de quo' meta sehh sakemm ircieva l-interpellazzjoni da parti tas-socjeta' attrici ghar-rizarciment tas-somma li kienet diga' giet imhallsa minnha u

(iii) il-gravita' ta' tali nuqqas da parti tal-intimat, fi kwalunwe kaz, m'hijiex tali li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-ftehim.

Konsegwentement it-Tribunal ma jistax jakkolji t-talba attrici kif dedotta ghar-rizarciment tas-somma kollha mhallsa mill-istess socjeta' attrici u kwindi ser jghaddi sabiex jichad it-talbiet atturi bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, dan salv kwalunkwe dritt kreditorju li s-socjeta' attrici ghandha jew jista' jkollha fir-rigward tal-'excess' dovut mill-intimat.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt jilqa' l-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-intimat Etienne Cassar, jichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**